31987R3730

15.12.1987 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 352/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3730/87

ta'l-10 ta' Diċembru 1987

li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-provvista ta'l-ikel minn stokkijiet ta' l-intervent lil organizzazzjonijiet indikati għad-distribuzzjoni lil persuni li huma l-iżjed fil-bżonn fil-Komunità

Il-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 ta' l-istess Trattat,

Wara li kunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi wara x-xitwa eċċezzjonalment kiesħa ta'l-1986/1987 il-Komunità applikat, matul bosta xhur fl-1987, miżuri li jinvolvu l-provvista ta' diversi tipi ta' ikel lil organizzazzjonijiet tal-karità biex jitqassmu lil persuni l-iżjed li huma l-iżjed fil-bżonn fil-Komunità;

Billi rapporti mill-Istati Membri u minn diversi organizzazzjonijiet tal-karità involuti f'dawn il-miżuri juru li dawn kienu ta' valur konsiderevoli għall-benefiċjarji, imma wkoll li dawn jikkaġunaw diffikultajiet finanzjarji u distributtivi lil bosta mill-organizzazzjonijiet in kwistjoni;

Billi l-Komunità, permezz ta'l-istokkijiet ta'l-intervent tagħha tad-diversi prodotti agrikoli, għandha l-mezzi potenzjali biex tagħti kontribut sinifikanti favur il-benesseri taċ-ċittadini tagħha l-aktar fil-bżonn; billi huwa fl-interess tal-Komunità, u skond l-għanijiet tal-politika agrikola komuni, li jiġi sfruttat dan il-potenzjal fuq bażi fit-tul sakemm l-istokkijiet ikunu tniżżlu sa livell normali bl-introduzzjoni ta' miżuri approprjati; billi l-esperjenza akkwistata mill-applikazzjoni tal-miżuri hawn fuq imsemmija għandha tgħin fl-organizzazzjoni ta' xi azzjoni sussegwenti ta' natura simili; billi huwa xieraq li tiġi kkonsolidata f'test wieħed il-bażi legali għall-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għandhom isiru dispożizzjonijiet għal merkanzija li tkun fl-istokkijiet ta' l-intervent sabiex din titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' ċerti organizzazzjonijiet nominati biex l-ikel ikun jista' jiġi distribwit lill-iżjed persuni fil-bżonn fil-Komunità. Dawn il-persuni għandhom jirċievu l-ikel bla ħlas jew bi prezz li fl-ebda każ ma jkun iżjed minn dak ġustifikat mill-ispejjeż minfuqa mill-organizzazzjonijiet nominati biex jimplimentaw din l-azzjoni. Id-distribuzzjoni għandha ssir skond pjan ta' kull sena mwaqqaf mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta'l-informazzjoni provduta mill-Istati Membri.

Artikolu 2

1. L-organizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom jiġu nnominati mill-Istati Membri in kwistjoni.

2. Dawk l-Istati Membri li jixtiequ japplikaw għal din l-iskema għandhom javżaw lill-Kummissjoni fil-ħin propizju ta'kull sena.

Artikolu 3

Il-merkanzija msemmija fl-Artikolu 1 għandha tingħata bla ħlas lill-organizzazzjonijiet innominati. Il-valur għall-kotba ta' dawn l-oġġetti għandu jkun il-prezz ta'l-intervent, aġġustat fejn meħtieġ permezz ta' koeffiċjenti biex iqisu d-differenzi fil-kwalità.

Artikolu 4

Bla ħsara għar-regoli dettaljati għall-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 6, l-ispiża li tirriżulta mill-operazzjonijiet applikati skond dan ir-Regolament għandha tiġi meqjusa bhala waħda li tifforma parti mill-infiq għall-istabilizzazzjoni tas-swieq agrikoli kif previst fl-artikolu 1(2)(b) tar-Regolament (KEE) Nru 729/70 [2] Għalekk il-merkanzija li ssir disponibbli skond id-dispożizzjonijiet ta'l-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għandha tiġi finanzjata minn approprjazzjonijiet fl-intestatura relevanti tal-budget fi' ħdan il-Fond Ewropew ta' Gwida u Garanzija Agrikola, Sezzjoni Garanziji, tal-budget tal-Komunitajiet Ewropej. Tista' ssir ukoll dispożizzjoni biex dan il-finanzjament jikkontribwixxi għall-ispejjeż tat-trasport tal-prodott miċ-ċentri ta'l-intervent u għall-ispejjeż amministrattivi għall-organizzazzjonijiet innominati ġenerati mill-implimentazzjoni ta' din l-iskema, minbarra xi spejjeż li jistgħu jitħallsu mill-benefiċjarji fl-istruttura ta'l-applikazzjoni ta'l-Artikolu 1.

[1] ĠU L 318, tat-30.11.1987.

[2] ĠU L 94, tat-28.4.1970, p. 14.

Artikolu 5

Il-Kummissjoni għandha tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rapport dwar it-tħaddim ta' din l-iskema mill-aktar fis possibbli wara li tkun disponibbli l-informazzjoni dwar l-ewwel sentejn tat-tħaddim tagħha.

Artikolu 6

Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 26 tar-Regolament (KEE) Nru 2727/75 [1] u skond id-dispożizzjonijiet korrispondenti tar-Regolamenti l-oħra li jwaqqfu organizzazzjoni komuni tas-suq tal-prodotti agrikoli.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum li fih jiġi ppubblikat fil-*Gazzetta Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' Diċembru 1987.

Għall-Kunsill

Il-President

L. TØRNÆS

[1] ĠU L 281, ta'l-1.11.1975, p. 1.